**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**REPUBBLIKA**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Nota ta' **REPUBBLIKA**:

In vista u wara d-digriet ta' din il-Qorti moghti fit-22 ta' Settembru 2022 tistqarr l-inkredulita taghha ghal dak mistqarr mill-Qorti dwar kif skond il-Qorti graw il-fatti fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2022, specjalment fejn jinghad li ma ntqal xejn mill-avukat ta' REPUBBLIKA "*li wasal u nstema mill-Qorti*."

Biss biss, l-*online portals* tal-*Maltatoday, Newsbook u Times of Malta* li kellhom il-gurnalisti taghhom prezenti fl-awla, **lkoll** rrapurtaw li l-Avukat Azzopardi fil-fatt indika u qal lill-Qorti li xtaq jaghmel verbal appena l-Qorti kienet waqfet taqra dak li kienet ippreparat skond l-art 10 tal-Kap.12, imma kien **imsikket** mill-Qorti waqt li l-Qorti irribadiet li l-kawza kienet lahqet giet differita ghas-27 t'Ottubru 2022, u dan jikkonfermawh il-membri kollha tal-Kumitat ta' REPUBBLIKA li kienu prezenti fl-awla.

Kien ghalhekk li l-membri ta' REPUBBLIKA u l-avukat taghhom hargu mill-awla, wara li l-Qorti kienet iddikjarat il-kawza taghna differita ghas-27 t'Ottubru.

Minbarra dan, REPUBBLIKA u l-avukat taghha ma sejhux il-kawza fid-9.35am (hin li kienet skedata) ghax bhala persuni edukati u prudenti huma ma jsejhux kawzi u lanqas jinterrompu 'l Qorti waqt xogholha f'kawzi ohra, imma konxji li hija l-Qorti li ssejjah il-kawzi (mhux il-partijiet), ma interrompewx 'l Qorti anke jekk sa siegha u kwart wara d-9.35am kienu ghadhom qed jissjehu l-kawzi li kienu skedati fid-9am.

Fid-dawl ta' dan, REPUBBLIKA qed tannetti affidavits in sostenn ta' dan kollu, anke peress li tali affidavits ser ikunu esebiti fir-rikors kostituzzjonali li REPUBBLIKA ipprezentat in vista tar-rifjut ta' rikuza tas-Sinjura Magistrat Dr Lia.

**Avv. Jason Azzopardi**